# Kelmtejn Mill-Caritas Malta Epilepsy Association

**Tel: 23402845, 27436442, 21233933** **email: janet.mifsud@um.edu.mt**
**Fax: 21320281** **zenit@onvol.net**

**Diċembru 2007.** **Nru. 29**


## Introduzzjoni

Bħalissa qed ikollna diversi talbiet minn diversi skejjel pubbliċi u privati, biex is-CMEA tagħti taħditiet fuq l-epilessija lill-Kapijiet ta' l-iskola, għalliema jew facilitators. Aħna nħossu li dan hu importanti ħafna għax b'hekk dawn l-għalliema jkunu infurmati fuq il-kundizzjoni, kif għandhom jaġixxu meta persuna jkollha aċċessjoni kif ukoll ikunu jistgħu jedukaw lit-tfal fil-klassi.

F'diversi taħditiet li tajna fl-iskejjel, xi persuni rrakkuntaw esperjenzi li kellhom minħabba l-epilessija. Dawn tant kienu ta' interess, li dawk preżenti talbu iktar informazzjoni.

Għaldaqstant il-kumitat qed jitlob lill-membri li jixtiequ jaqsmu l-esperjenzi tagħhom jew ta' wliedhom biex jikkuntattjawna. B'din il-parteċipazzjoni mill-membri is-CMEA tkun tista' taċċetta li nagħtu iktar taħditiet fl-iskejjel. Il-kooperazzjoni tagħkom f'dan l-aspett jista' jkun ta' għajnuna kbira kemm għalina kif ukoll għal ħaddieħor.

L-aħħar żjara tagħna kienet fl-iskola Maria Tereza Nuzzo tal-Marsa. Dr. Janet Mifsud flimkien ma' Victoria Dimech kellmu lill-istaff fuq l-epilessija kif ukoll urewhom DVD bil-Malti fuq il-kundizzjoni.

Sa l-aħħar ta' din is-sena hemm programmati żewġ laqgħat oħra simili għall-infermiera u social workers filwaqt li għas-sena d-dieħla diġà stednuna organizzazzjonijiet oħra biex noffrulhom is-servizz tagħna biex aktar nies jitgħallmu fuq l-epilessija.

## Nuqqas ta' pinnoli ta' l-epilessija

Is-CMEA kellha diversi rapporti li nies qed imorru biex jiġbru l-mediċini ta' l-epilessija mill-isptar imma mhux qed jingħataw l-Epanutin 50mg. Qed jingħataw biss biżżejjed għal ġimgħa. Aħna nħossu li l-'istocks' neqsin mhux aċċettabbli. Dan jista' jkun ta' periklu għal dawk il-persuni li jkunu fuq din il-mediċina (kultant mediċini oħra jkunu neqsin). Il-kumitat tas-CMEA deċiż li jagħmel li hemm bżonn biex din is-sitwazzjoni ma tibqax tirrepeti ruħha.

**IMPORTANTI**: F'sitwazzjoni bħal din ħadd m'għandu jaċċetta li jibqa mingħajr pinnoli jew jieħu aktar mid-doża preskritta (eż. jieħu tal-100mg minflok tal-50mg għax il-pinnola ma tkunx tista' tinqasam). Dan jista' jwassal għal konsegwenzi gravi ħafna.

## Nies famużi li kellhom l-epilessija - Fyodor Mikhaylovich Dostoyevsky

**Twieled: 11 ta' Novembru 1823 f'Moska – Miet: 9 ta' Frar 1881 f'San Pietruburgu**

Bla dubju ta' xejn Fyodor M Dostoyevsky huwa l-aktar bniedem magħruf li kellu l-epilessija. Għal ħafna nies li jaqraw ix-xogħol ta' Dostoyevsky tkun l-ewwel darba li jkollhom kuntatt intensiv ma' l-epilessija.

Iktar minn kulħadd dan l-awtur uża l-kundizzjoni tiegħu u s-sofferenza li ġġib magħha bħala tema fil-kitbiet tiegħu. Ħafna mill-karattri ta' Dostoyevsky għandhom l-epilessija. L-aktar wieħed magħruf hu l-karattru tal-Prinċep Myshkin fin-novella 'L-Idjota' Dan il-karattru jirrivela b'mod partikulari l-

kundizzjoni ta' Dostoyevsky. Niħduha bħala fatt li ħafna mir-rakkonti ta' aċċessjonijiet li jiddiskrivi fil-kitbiet tiegħu, bħall-qawwa li tinħass tiżdied qabel aċċessjoni, is-sintomi qawwija u l-effetti drammatiċi li jħallu l-aċċessjonijiet fuq min ibati bl-epilessija huma bbażati fuq l-esperjenzi ta' l-awtur stess.

Dostoyevsky nnifsu jgħid li kellu l-ewwel aċċessjoni lejliet l-Għid, il-perjodu meta kien imkeċċi minn Moska u ntbgħat is-Siberia għal erba' snin. Dak iż-żmien kellu madwar tletin sena. L-aċċessjonijiet tiegħu kienu tat-tip 'Gran Mal'. '*Waqaf għall-mument, bħal kieku kien qiegħed ifittex il-kliem, fetaħ ħalqu u f'daqqa waħda ħarġet għajta, twila, stramba bla sens minn fommu, u waqa' ma' l-art mitluf minn sensih. Ġismu tgħawweġ u triegħed f'konvulżjonijiet u ħareġ ir-rawa minn ħalqu*'. Dawn it-tip ta' aċċessjonijiet probabbilment kienu 'Gran mal' ġeneralizzati sekondarji ipprovokati b'attività fokali għax ħafna drabi l-aċċessjonijiet li kien ikollu Dostoyevsky kienu jkunu preċipitati b'aura, li apparentament kienet tħallih ferħan.

'Intom kollha nies b'saħħitkom' qal darba Dostoyevsky f'konversazzjoni 'imm'intom m'għandkomx ideja s-sens ta' ferħ, dak il-ferħ li aħna li għandna l-epilessija, sekonda qabel xi aċċessjoni. Jien ma nafx dan il-ferħ idumx sekondi, sigħat jew xhur, imma emmnuni, ma nbiddlux ma' l-aħjar affarijiet ta' din id-dinja'. Hija sensazzjoni ta' euphoria. Hu jiddiskriviha bħala rigal ta' ħniena mill-epilessija. Din id-deskrizzjoni l-awtur isemmiha f'dettall fil-karattru tal-Prinċep Myshkin, li fil-fatt huwa l-figura bijografika tiegħu innifsu.

M'hemmx dubju li l-perċezzjoni ta' Dostoyevsky ta' l-epilessija tiegħu ħalliet impatt kbir fuq il-ħajja tiegħu. Hija influwenza fuq ix-xogħolijiet b'tant profondità li ma kienx ikun possibbli li kieku ma kellux din il-kundizzjoni. Mela nistgħu ngħidu bla dubju li mingħajr l-epilessija ta' Dostoyevsky il-letteratura tad-dsatax-il seklu ma' kinitx tkun daqshekk rikka.

**Seminar Għall-Infermiera**

Kien ta' sodisfazzjon kbir għalina meta l-assoċjazzjoni tagħna flimkien mal-MUMN (L-Union tal-Qbiela u Infermiera) u d-Dipartiment tal-Farmakoloġija ta' l-Università ta' Malta, ġie organizzat seminar ta' ġurnata fuq l-epilessija bl-isem 'L-Epilessija u l-Professjoni ta' l-Infermiera'. Dan is-seminar sar fis-16 ta' Novembru 2007 ġewwa l-Coastline Hotel. Minkejja li kien għaddej il-proċess ta' migrazzjoni mill-isptar San Luqa għal Mater Dei, l-attendenza ta' l-infermiera, qbiela, social workers u oħrajn kienet ta' madwar 200 ruħ.

Fetaħ dan is-seminar is-Sur Paul Pace, il-President tal-MUMN filwaqt li Dr. Janet Mifsud, l-advisor tal-assoċjazzjoni tagħna mexxiet il-proċedimenti.

Il-kelliema ewlenija kienet is-Sinjura Marianne Peachey li hi infermiera speċjalizzata fl-epilessija f-'Ipswich Hospital NHS Trust'. Hi tkellmet fuq kif jaħdmu l-'epilepsy nurses' fl-Ingilterra flimkien mal-bqija tal-professjonisti kif ukoll fuq aspetti prattiċi tal-kliniċi tal-epilessija, tagħlim u taħriġ fuq l-epilessija u fuq riċerka. Kelliema oħra kienu jinkludu lil Dr. Doriette Soler, Is-Sinjorina Clarissa Kaptur, is-Sur Frans Ripard u s-Sur Mario Dimech.

Għal darb'oħra dan is-seminar ġie milqugħ tajjeb ħafna u kif jiġri ta' spiss ħareġ il-fatt li hawn bżonn kbir li l-għarfien fuq l-epilessija jkun mifrux f'kull qasam u ambjent tas-soċjetà Maltija.

**Seminar Nazzjonali tal-Caritas Malta Epilepsy Association**

Qed nibagħtu informazzjoni fuq dan is-seminar flimkien ma' din in-Newsletter. Dawk interessati jistgħu jibagħtu l-applikazzjoni kif indikat.

Il-laqgħa tal-membri li jmiss tkun il-Ġimgħa 11 ta' Jannar 2008